KUNSILL REĠJONALI LVANT

---

# MINUTI

## Laqgħa tar-Reġjun Numru 44

## L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 44

It-Tnejn 19 ta' Mejju, 2025

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sur Noel Muscat – Sindku Swieqi
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Dott. Dorian Sciberras –Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

44.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda ittra t'apoloġija mingħand il-membri u kulħadd informa li ser ikun preżenti għal din il-laqgħa.

## 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

43.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 43 li nżammet nhar it-Tnejn 14 ta' April 2025 kienu meħuda bħala moqrija.

43.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, sekondata mis-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti.

43.2.3 Is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, talab lill-President sabiex qabel ma titkompla l-laqgħa bl-Aġenda skedata, hu xtaq iressaq mozzjoni f'isem ir-rappreżentanza tal-Partit Nazzjonalista.

43.2.4 Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv tikkonferma jekk kienx hemm mozzjonijiet imressqa għal din il-laqgħa fi żmien stipulat.

43.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat kif għal din il-laqgħa hi ma kienet irċiviet l-ebda mozzjoni.

43.2.6 Dott Scibberras żied jgħid li din it-talba kienet sabiex din il-mozzjoni tiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss u qal kif f'din il-mozzjoni qed issir b'referenza għal dak li kien seħħ l-Erbgħa li għadda ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur. Hu qal kif huma jħossu li dak li ġara l-Għargħur jaffettwa mhux biss lil Għargħur imma anke lill-lokalitajiet l-oħra speċjalment f'dan ir-Reġjun.

43.2.7 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, spjega li hu qatt ma kien għadda minn dawn l-esperjenzi u mal-proċedura marbutin magħhom, u xtaq konferma li din ser tiġi trattata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss. Għal din ir-raġuni hu qal kif din tistà tiġi moqrija pero mhux ser tkun trattata fil-laqgħa ta' llum.

43.2.8 Dott. Sciberras ikkonferma li din mhux ser tkun qed tiġi diskuss f'din il-laqgħa.

43.2.9 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, qal li din għandha tinstema biss skond il-liġi.

43.2.10 Dott. Sciberras qal li minħabba korrettezza, ser ikun qed jaqra din il-mozzjoni għal dawk preżenti. Dan id-dokument qed jiġi mehmuż ma' din il-laqgħa bħala 'Dokument A'.

43.2.11 Wara li ġiet moqrija din il-mozzjoni, il-President talab direzzjoni dwar dan mingħand is-Segretarju Eżekuttiv.

43.2.12 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif din ser tkun qed tiġi nkluża fl-aġenda sabiex tiġi diskuss fil-laqgħa tar-Reġjun li jkun imiss.

43.2.13 Is-Sur Dalli u s-Sur Pillow talbu sabiex is-Segretarju Eżekuttiv tivverifika dan sabiex ir-Reġjun ikun jistà jipproċedi skond kif inhu mitlub.

43.2.14 Dott Sciberras żied jgħid ukoll kif b'rispett lejn ir-residenti tal-Għargħur hu informa li ser jitilqu minn din il-laqgħa sabiex jirrispettaw id-demokrazzija ta' pajjiżna.

43.2.15 Is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, is-Sindku ta' Swieqi, is-Sur Noel Muscat, is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, u l-Kunsillier ta' Birkirkara, is-Sur Luke Vella, ħarġu mill-kamra.

43.2.16 Il-President informa li għal din il-laqgħa ma kienx hemm kworum peress li kull ma kien għadhom preżenti miegħu kienu s-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, u s-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo. Għal din ir-raġuni, il-President informa li jrid ikun hemm perjodu ta' għaxar minuti stennija u jekk jibqa ma jkunx hemm kworum, il-laqgħa jkollha tiġi sospiża.

43.2.17 ***17:07pm – Is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Mizzi, wasal għal din il-laqgħa.***

43.2.18 ***17:16pm – Is-Sindku ta' Ħal Għargħur, is-Sa Mariah Meli, waslet għal din il-laqgħa.***

43.2.19 ***17:17pm – Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, wasal għal din il-laqgħa.***

43.2.20 Peress li wara l-ħin stipulat ta' stennija l-laqgħa baqgħet mingħajr kworum, il-laqgħa ġiet sospiża.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 30 ta' Mejju, 2025.

| | |
|---|---|
| Anthony Chircop | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |